


# Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità: il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi fl-UE

## Sommarju



*L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jggarantixxi lit-tfal kollha fl-Unjoni Ewropea (UE) dritt ġenerali għall-protezzjoni, li jinkludi d-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament, li jżommu relazzjoni mal-ġenituri tagħhom u li jkollhom l-azzjonijiet relatati magħhom iggwidati mill-aħjar interessi tagħhom. L-Artikolu 3 jggarantixxi lill-individwi kollha fl-UE rispettt għall-integrità fiżika u mentali tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jibbenifikaw minn miżuri maħsuba biex jiżguraw l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja komunitarja.*

It-tfal b'dizabilità jiffaċċjaw ostakoli sinifikanti sabiex igawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Dawn ta' spiss jiġu esklużi mis-soċjetà, fejn xi drabi jkunu jgħixu f'istituzzjonijiet jew faċilitajiet 'il bogħod mill-familji tagħhom. It-tfal b'diżabilità jiġu mċaħħda mill-aċċess għal servizzi bażiċi, bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u jkollhom jiffaċċjaw stigma u diskriminazzjoni, kif ukoll vjolenza sesswali, fiżika u psikoloġika.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) wettqet riċerka dwar il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, li tiffoka fuq il-firxa, il-forom, il-kawżi u l-ambjent fejn issir din il-vjolenza. Dan is-sommarju jippreżenta s-sejbiet ewlenin tar-riċerka tal-FRA, li huma ppubblikati sħaħ fir-rapport intitolat *Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità: il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi fl-UE* (ara Aktar tagħrif).

## Ġbir u kopertura tad-data

Għal din ir-riċerka, il-FRA wettqet riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni li tkopri t-28 Stat Membru kollha tal-UE, fejn eżaminat id-dispożizzjonijiet legali u ta' politika li jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, kif ukoll il-miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni ta' din il-vjolenza u l-protezzjoni kontriha.

Barra minn hekk, saru intervisti individwali bbażati fuq kwestjonarji semistrutturati ma' partijiet interessati minn korpi nnominati tal-oqfsa nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD). Dawn l-intervisti twettqu fi 13-il Stat Membru tal-UE: L-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Italja,

l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, i r-Renju Unit.

Il-partijiet interessati li wiegħbu jinkludu awtoritajiet pubbliċi, professjonisti tas-saħħa, professjonisti fil-qasam tal-edukazzjoni u fornituri tas-servizzi għal tfal b'diżabilità; organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità; organizzazzjonijiet tal-ġenituri; organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-vittmi; NGOs li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal; kif ukoll diversi korpi li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, bħal istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u istituzzjonijiet tal-Ombudsmen.

## Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabbiltà: kwistjoni ta' drittijiet fundamentali

L-oqfsa legali u ta' politika Ewropej u internazzjonali jirrikonoxxu li l-kwistjoni tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabbiltà teħtieġ attenzjoni partikolari minn dawk li jfasslu l-politika u mill-prattikanti. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) u l-Konvenzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) huma essenzjali sabiex jiżguraw li t-tfal b'diżabbiltà jiġu protetti mill-vjolenza; waħda hija speċifikament relatata mat-tfal u l-oħra mal-għajxien b'diżabbiltà. L-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw is-CRC u, minn Settembru 2015, 25 Stat Membru tal-UE rratifikaw is-CRPD. Fl-2010, l-UE aderixxiet ukoll għas-CRPD, jiġifieri l-konvenzjoni issa hija parti integrali mill-ordni legali tal-UE u li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki kollha tal-UE għandhom ikunu konsistenti mar-reqwiziti tagħha.

Il-korpi tat-trattat ta' dawn iż-żewġ konvenzjonijiet tan-NU elaboraw fuq il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabbiltà f'bosta Kummenti Ġenerali u fl-Osservazzjonijiet Konklużivi għar-rapporti tal-Istati Partijiet. L-Istati Membri rrikonoxxew ukoll il-ħtiġijiet għall-protezzjoni tat-tfal b'diżabbiltà b'diversi modi, bħal meta l-vjolenza tiġi kriminalizzata jew meta jiġu definiti politiki nazzjonali sabiex jindirizzawha. Fl-Osservazzjonijiet Konklużivi riċenti tiegħu indirizzati lill-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tas-CRPD jirrakkomanda lill-UE sabiex tiegħu l-miżuri neċessarji bil-għan li tintegra d-diżabbiltà fil-leġiżlazzjonijiet, fil-politiki u fl-istrateġiji kollha għall-għieda kontra l-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament.

Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabbiltà diffiċli tiġi ssostanzjata minħabba li dawn it-tfal huma fil-biċċa l-kbira tagħhom inviżibbli fl-istatistika uffiċjali. Ftit li xejn jeżistu estimi affidabbli tan-numru ta' tfal b'diżabbiltà, minħabba definizzjonijiet varjati u skaduti ta' diżabbiltà; nuqqas ta' metodi affidabbli għall-ġbir tad-dejta dwar id-diżabbiltà, speċjalment fost it-tfal; kif ukoll differenzi fl-approċċi għall-ġbir ta' dejta dwar il-prevalenza tad-diżabbiltà fost il-pajjiżi. Ir-Rapport Dinji tal-2011 dwar id-Diżabbiltà, li jikkwota l-Istudju tal-2004 dwar il-Piż Globali tal-Mard, jistma li l-prevalenza globali medja ta' diżabbiltà moderata u severa fi tfal ta' bejn 0 u 14-il sena hija ta' 5.1%. Din tikkorrespondi għal madwar 93 miljun tifel u tifla madwar id-dinja. Ma jeżisti ebda sors unifikat li jipprovi dejta dwar it-tfal b'diżabbiltà fl-UE.

Għalkemm bl-istess mod ftit li xejn teżisti dejta dwar il-firxa tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabbiltà,

fil-kuntest ta' din ir-riċerka, dawk li wiegħbu indikaw li hemm prevalenza għolja ta' abbuż kontra dawn it-tfal. L-UNICEF jistma li t-tfal b'diżabbiltà għandhom probabbiltà ta' minn tliet darbiet sa erba' darbiet aktar minn tfal mingħajr diżabbiltà li jesperjenzaw vjolenza fiżika u sesswali, kif ukoll negliġenza.

*"It-tfal b'diżabbiltà jidhru li huma vulnerabbli ħafna, ferm aktar vulnerabbli mit-tfal l-oħrajn kollha." (Rappreżentant ta' NGO għad-drittijiet tat-tfal, il-Pajjiżi l-Baxxi)*

*"M'hemmx dubju li tiġrilhom. Hija [...] serja ħafna. U huwa evidenti li l-każijiet li jiġu indirizzati huma biss frazzjoni tan-numru proprju [...]. Hija problema ferm akbar milli naħsbu." (Psikologu kliniku, ir-Repubblika Ċeka)*

It-tfal b'diżabbiltà jistgħu jissaw vittima tal-vjolenza f'ambjenti differenti, inkluż fl-iskejjel, fid-dar jew f'istituzzjonijiet. Imqabbla mal-adulti, it-tfal kollha huma f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, minħabba l-fażi tal-iżvilupp tagħhom, il-kapaċità legali limitata u d-dipendenza fuq il-ġenituri jew fuq persuni oħrajn li jieħdu ħsiebhom. Din is-sitwazzjoni tiġi aggravata meta t-tfal ikollhom indeboliment. It-tfal b'diżabbiltà jesperjenzaw rati ogħla ta' vjolenza kif ukoll forom ta' vjolenza speċifiċi għad-diżabbiltà, li huma differenti minn dik esperjenzata minn tfal mingħajr diżabbiltà. Huma jinkludu vjolenza motivata minn preġudizzju lejn id-diżabbiltà, trażżin, abbuż sesswali waqt ir-rutini ta' iġjene ta' kuljum, vjolenza matul il-kura, kif ukoll l-għoti ta' medikazzjoni eċċessiva. Ir-riċerka turi li t-tfal b'diżabbiltà huma partikolarment vulnerabbli għal abbuż psikoloġiku, sesswali u fiżiku, li jista' jeqridilhom ħajjithom.

*"It-tfal b'diżabbiltà huma fost l-aktar tfal stigmatizzati u emarġinati u jista' jintqal li r-riskju ta' vjolenza għalihom huwa ogħla b'mod sinifikanti minħabba li huma injorati mis-soċjetà u teżisti mentalità tradizzjonali negattiva." (Rappreżentant ta' awtorità pubblika, il-Bulgarija)*

L-iżolament soċjali u l-istigma, kif ukoll is-sitwazzjoni partikolari tagħhom u d-dipendenza ogħla fuq il-kura — fid-dar, f'ċentri tal-kura u fl-istituzzjonijiet — iżidu r-riskju ta' vjolenza għat-tfal b'diżabbiltà għal diversi raġunijiet. L-indebolimenti spiss jagħmlu lit-tfal jidhru bħala "miri faċli", minħabba li jista' jkun li ma jkollhomx il-ħiliet sabiex jiproteġu lilhom infushom, jiffaċċjaw l-ostakoli fir-rapportar tal-vjolenza jew forsi l-ilmenti tagħhom ma jitteħdux bis-serjetà. Is-sess u l-istatus etniku, ta' immigrant jew soċjoekonomiku jistgħu jżidu livelli addizzjonali ta' riskju. L-impatt ta' dawn il-fatturi, li jżidu r-riskju ta' vjolenza, jiġi mmultiplikat meta s-servizzi tal-ħarsien tat-tfal ma jirrispondux b'mod adegwat għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal b'diżabbiltà — minħabba n-nuqqas ta' aċċessibbiltà jew inkella minħabba nuqqas ta' professjonisti mħarrġa.

*“Aħna kkalkolajna li [...] jekk tkun tifel ta’ ġilda sewda, ikklassifikat bħala li għandek ‘bżonnijiet edukattivi speċjali’ u ġej minn sfond bi dħul finanzjarju baxx, mela allura inti tkun fi probabbiltà ta’ 168 darba aktar li tiġi eskluż mill-iskola minn tifla li ġejja minn żona aktar sinjura u li ma għandhiex ‘bżonnijiet edukattivi speċjali.’” (Parteċipant minn korp nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, ir-Renju Unit)*

It-tfal b’ diżabilità ta’ spiss jiġu esklużi minn servizzi għall-ħarsien tat-tfal jew inizjattivi li jaħsbu għall-vittmi tfal mingħajr diżabilità. Dan jagħmilha aktar probabbli li t-tfal b’ diżabilità jaqgħu bejn ix-xquq tas-servizzi ġenerali għall-ħarsien tat-tfal u tas-servizzi speċifiċi maħsuba għall-persuni b’ diżabilità. Barra minn hekk, il-provvista ta’ servizzi lit-tfal b’ diżabilità sikwit tkun ir-responsabbiltà ta’ bosta organizzazzjonijiet jew awtoritajiet differenti li ma jikkoordinawx l-isforzi tagħhom kif suppost.

*“Pereżempju, jista’ jkun il-każ li tliet korpi qegħdin jaġixxu b’ mod parallel, mingħajr netwerking f’ termini ta’ kondiviżjoni ta’ tagħrif, mingħajr konferenzi dwar il-każ jew mingħajr il-koordinazzjoni ta’ ċerti segmenti ta’ azzjoni. Huma jkunu ferm aktar effettivi jekk ikunu interkonnessi u kollegati flimkien permezz ta’ netwerking, jekk ikunu qegħdin jiskambjaw it-tagħrif.” (Parteċipant minn korp nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, il-Kroazja)*

Is-sistemi tal-ħarsien tat-tfal, il-mekkaniżmi ta’ rapportar u s-servizzi ta’ appoġġ lill-vittmi sikwit jonqsu milli jieħdu f’ kunsiderazzjoni l-bżonnijiet tat-tfal b’ diżabilità, billi jpoġġu aktar ostakoli tul it-triq għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-appoġġ, jipprovaw jirrapportaw abbuż jew ifittxu rimedju. Id-dokument ta’ riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar *“Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni f’ sistemi integrati għall-ħarsien tat-tfal”* enfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali għall-ħarsien tat-tfal ikunu aċċessibbli għat-tfal f’ sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi tfal b’ diżabilità.

## Sejbiet ewlenin u pariri bbażati fuq L-evidenza

Abbażi tar-riċerka tagħha, l-FRA temmen li dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati rilevanti għandhom jikkonċentraw l-isforzi tagħhom sabiex jiġġieldu l-vjolenza kontra t-tfal b’ diżabilità u sabiex jiproteġuhom b’ mod effettiv mill-abbuż u mill-esklużjoni madwar l-UE, fl-oqsma ta’ azzjoni deskritti hawn taħt.

### L-istabbiliment ta’ sistemi aktar inklużivi għall-ħarsien tat-tfal

Il-miżuri maħsuba biex jipprevjenu u jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b’ diżabilità jkunu l-aktar effettivi meta jkunu olistiċi u trasversali. Ir-riċerka tal-FRA tindika li jeħtieġ li l-isforzi jinvolvu u jkunu mmirati għall-atturi kollha li għandhom irwol fil-ħajja ta’ tifel jew tifla — mill-familji, il-komunitajiet, il-professionisti u l-istituzzjonijiet sal-pubbliku ġenerali.

Meta jiġu kkombinati flimkien mad-diżabilità, fatturi oħrajn — bħas-sess tat-tfal u l-isfond soċjoekonomiku, etniku jew ta’ immigranti — iżidu r-riskju ta’ vjolenza. Għalhekk, huwa importanti li jiġu rikonossuti l-bosta livelli ta’ riskju, li jittieħdu miżuri ta’ prevenzjoni u li jinħolqu servizzi u miżuri li jipprovdu appoġġ multidimensjonali. Ħafna minn dawk li wiegħbu enfasizzaw li s-sistemi ta’ intervent

bikri sikwit ma jkunux adegwati għat-tfal b’ diżabilità, minħabba li jonqsu milli jidentifikaw u jirrispondu malajr għal sitwazzjonijiet ta’ riskju.

Is-servizzi għall-ħarsien tat-tfal għandhom irwol vitali sabiex jiżguraw li l-bosta ħtiġijiet tat-tfal b’ diżabilità jiġu indirizzati b’ mod adegwat. Iżda xi drabi dawn jonqsu milli jaħsbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal b’ diżabilità u sikwit ma jkunux aċċessibbli għalihom, kemm f’ termini ta’ aċċessibbiltà fiżika kif ukoll minħabba nuqqas ta’ ħaddiema bit-taħriġ jew il-ħiliet meħtieġa.

Is-servizzi u l-miżuri ġenerali mmirati għal tfal u adulti b’ diżabilità għandhom it-tendenza li jinjoraw il-ħtiġijiet speċifiċi għall-appoġġ ta’ tfal b’ diżabilità u l-ostakoli ffaċċjati minnhom, li jistgħu jimpeduhom milli jiksbu aċċess għas-servizzi.

L-Istati Membri adottaw approċċi ta’ politika differenti għall-indirizzar tal-vjolenza kontra tfal b’ diżabilità. Xi wħud jinkludu l-ħarsien tat-tfal b’ diżabilità f’ politiki dwar il-ħarsien tat-tfal, filwaqt li oħrajn jindirizzaw dan f’ politiki dwar id-drittijiet tal-persuni b’ diżabilità; oħrajn fasslu politiki speċifiċi li jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal kollha fl-iskejjel jew fid-dar. Filwaqt li dawn il-politiki ġenerali jirrikonossu r-riskju oġġla ta’ vjolenza li jiffaċċjaw it-tfal b’ diżabilità, dawn ta’ spiss jonqsu milli jistabbilixxu miżuri konkreti. Il-maġġoranza ta’ dawk li

wiegħbu affermaw li l-politiki għandu jkollhom għan olistiku, jiġifieri għandhom ikopru lit-tfal kollha — inklużi tfal b'diżabilità — u b'hekk jevitaw il-ħtieġa ta' strumenti separati sabiex ikopru gruppi differenti ta' tfal (għal analiżi fil-fond, ara t-Taqsimiet 2.2, 3.1, 3.3 u 4.6 tar-rapport sħiħ).

#### Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità permezz ta' approċċ integrat. Il-politiki ġenerali mmirati għal tfal jew persuni b'diżabilità għandhom jirrikonoxxu li t-tfal b'diżabilità jiffaċċjaw riskju ogħla ta' vjolenza u, għalhekk, għandhom jistabbilixxu miżuri konkreti u speċjalizzati u servizzi ta' appoġġ li jkunu aċċessibbli. Approċċ integrat bħal dan jgħin sabiex ikun żgurat li l-ħarsien tat-tfal b'diżabilità jkun parti mis-sistema nazzjonali ġenerali għall-ħarsien tat-tfal u li l-miżuri u s-servizzi ta' appoġġ kollha għat-tfal li huma vittmi ta' vjolenza jkunu sensitivi għall-età, għas-sess u għall-indeboliment.*

*Is-servizzi tal-ħarsien tat-tfal għandhom jipprovdu appoġġ komprensiv lit-tfal b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Huma għandhom jikkunsidraw ukoll karatteristiċi oħrajn li jistgħu jżidu l-vulnerabbiltà tat-tfal għall-vjolenza, bħas-sess, l-etniċità u l-isfond soċjoekonomiku. Il-programmi ta' prevenzjoni jistgħu jinkludu programmi ta' intervent bikri, miżuri ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ fuq trottija responsabbli u appoġġ tal-familja, kif ukoll programmi ta' mistrieħ.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tat-tfal b'diżabilità, speċjalment fir-rigward tal-vjolenza. Huma għandhom jinvolvu, kif xieraq, mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti stabbiliti skont l-Artikolu 33 (2) tas-CRPD, kif ukoll istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem.*

## It-titjib tal-oqfsa politiċi u legali għall-ħarsien tat-tfal b'diżabilità

Dawk li wiegħbu identifikaw għadd ta' sfidi sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra t-tfal u sabiex ikun żgurat li r-reati kontribom jiġu mħarrka b'mod effikaċi. Dawn jinkludu diffikultajiet sabiex it-tfal b'diżabilità jitqiesu bħala xhieda affidabbli

fil-qorti, nuqqas ta' professjonisti mħarrġa, nuqqas ta' mekkaniżmi tal-ilmenti aċċessibbli u addattati skont l-età u livelli baxxi ta' rapportar.

Ir-riċerka tal-FRA turi li l-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE jqisu d-diżabilità u l-età bħala fatturi aggravanti għal reati vjolenti. Fil-livell tal-UE, jeżistu bosta direttivi li jiproteġu lit-tfal b'diżabilità mill-vjolenza. Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija u d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi) jimmiraw għal ċertu livell ta' armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-liġi kriminali, inkluż fir-rigward tal-appoġġ għall-vittmi tfal, ir-rapportar tar-reati u l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri.

Minn fost l-Istati Membri tal-UE, 13 biss jindirizzaw espliċitament il-preġudizzju bbażat fuq id-diżabilità fil-kodiċi kriminali tagħhom. Minn dawn, huma biss ftit li jifirdu l-motivazzjoni għall-mibegħda mir-reat bażiku bl-użu ta' penali sabiex jenfasizzaw is-severità tar-reati relatati ma' preġudizzju; il-maġġoranza tagħhom jiddefinixxu l-motivazzjoni tal-preġudizzju bħala ċirkostanza aggravanti.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat dokumenti ta' politika kemm rigward il-politika dwar id-drittijiet tat-tfal kif ukoll rigward il-politika dwar id-diżabilità — l-Aġenda tal-UE dwar id-Diżabilità 2010-2020, rispettivament. It-tnejn jirreferu għad-drittijiet tat-tfal b'diżabilità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni waqqfet żewġ gruppi li jikkonsistu f'rappreżentanti ta' Stati Membri — wieħed ta' esperti dwar id-drittijiet tat-tfal u wieħed dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità — li jippermettu li jkun hemm kooperazzjoni u skambji ta' informazzjoni, esperjenzi u prassi tajba. Bħala parti mis-CRPD, l-UE hija marbuta bl-obbligi tal-konvenzjoni safejn jippermettu l-kompetenzi tagħha. Fl-Osservazzjonijiet Konklużivi dwar ir-rapport inizjali tal-UE, il-Kumitat tas-CRPD irrakkomanda speċifikament li l-istrateġiji tad-diżabilità kollha jindirizzaw u jarmonizzaw id-drittijiet tas-subien u tal-bniet b'diżabilità.

Il-Parlament Ewropew għandu żewġ Intergruppi distinti — wieħed biex jittratta kwistjonijiet relatati mat-tfal u ieħor biex jittratta kwistjonijiet relatati mal-politika dwar id-diżabilità. Dawn l-istrutturi jistgħu jżidu l-attenzjoni li tingħata lit-tfal b'diżabilità, b'mod partikolari lill-kwistjonijiet ta' protezzjoni mill-vjolenza, fid-diskussjonijiet u fl-azzjonijiet (ara l-Kapitolu 1 u 2 tar-rapport sħiħ).

## Opinjoniġiet tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ lill-vittmi, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' rimedju ġudizzjarju u mhux ġudizzjarju, ikunu aċċessibbli għal kollox għat-tfal b'diżabilità li huma vittmi tal-vjolenza u għall-familji tagħhom. Huma għandhom jipromwovu wkoll ir-rapportar u r-reġistrazzjoni tal-inċidenti permezz ta' politiki ta' komunikazzjoni attiva. Il-mekkaniżmi ta' rimedju għandhom jipprovdu akkomodazzjoni xierqa skont l-età u l-indeboliment, kif ukoll appoġġ professjonali.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li membri tal-persunal imħarrġa apposta jiġu involuti fl-investigazzjoni u fis-segwitu tal-inċidenti rrapportati ta' vjolenza kontra tfal b'diżabilità, inkluż matul il-valutazzjoni individwali meħtieġa mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-età u d-diżabilità jitqiesu bħala fatturi aggravanti fil-kuntest tal-vjolenza sesswali, kif stabbilit fid-Direttiva li tiġġieled l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija. Huma għandhom jikkunsidraw li jinkludu d-diżabilità fuq bażi ugwali ma' forom oħrajn ta' motivazzjoni tal-preġudizzju u li jintroduċu penali msaħħa għal reati mmotivati minn preġudizzju, kif suġġerit fid-dokument ta' enfasi tal-FRA intitolat Protezzjoni ugwali għall-vittmi kollha ta' reat ta' mibegħda — Il-każ tal-persuni b'diżabilità.*

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra li tinkludi strateġija komprensiva bbażata fuq id-drittijiet għat-tfal b'diżabilità fir-reviżjonijiet futuri tal-Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u politiki oħrajn dwar id-drittijiet tat-tfal. Ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 għandha tinkludi miżuri espliċiti għall-protezzjoni, il-promozzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, b'referenza speċifika għall-prevenzjoni tal-vjolenza.*

## L-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-ħatra ta' punt fokali għat-tfal b'diżabilità

Dawk li wieġbu enfasizzaw li qafas olistiku li jlaqqa' flimkien lill-korpi kollha involuti fil-ħarsien tat-tfal huwa essenzjali għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità. Qafas bħal dan għandu jinkludi organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lit-tfal b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Dawk li wieġbu enfasizzaw li l-kooperazzjoni trid tibda fl-istadju tal-iżvilupp tal-istrateġiji u tal-pjanijiet ta' azzjoni u mbagħad tkun

riflessa fl-implimentazzjoni proprja tal-politiki u fil-provvista tas-servizzi.

Is-servizzi għat-tfal b'diżabilità ta' spiss jiġu żviluppati minn firxa ta' atturi. Sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet jew lakuni, kooperazzjoni kkoordinata u regolari hija kruċjali. Iżda dawk li wieġbu nnotaw li nuqqas ta' kooperazzjoni sikwit tfixx il-provvista effettiva tas-servizzi; li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni formali huma neqsin jew inkella mhumiex implimentati fil-prattika; u li l-kooperazzjoni hija fil-biċċa l-kbira tagħha informali u sseħħ barra l-mezzi stabbiliti. Anki meta jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi ta' koordinazzjoni formalizzati, dawn ta' spiss jonqsu milli jindirizzaw ir-riskji partikolari u l-vulnerabbiltà akbar tat-tfal b'diżabilità għall-vjolenza. Ġeneralment, il-professionisti ma jkollhomx il-kompetenza u l-għarfien meħtieġa sabiex jindirizzaw b'mod adegwat is-sitwazzjonijiet ta' riskju potenzjali u l-każijiet ta' abbuż li jikkonċernaw lit-tfal b'diżabilità.

Barra minn hekk, dawk li wieġbu nnotaw li kien hemm nuqqas ta' proċeduri unifikati fost il-gruppi professjonali — bħall-pulizija, il-persunal fl-oqsma soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni — u enfasizzaw li sikwit ikun hemm anki nuqqas ta' għarfien ta' kif għandu jiġi rikonoxxut u indirizzat l-abbuż kontra t-tfal b'diżabilità (ara t-Taqsimiet 2.2, 2.3, 4.4 u 4.5 tar-rapport shh).

## Opinjoniġiet tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jaħtru punt fokali nazzjonali għat-tfal b'diżabilità, kif suġġerit fil-Kumment Ġenerali Nru 9 tal-Kumitat CRC, bil-għan li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa bejn l-atturi kollha — kemm pubbliċi kif ukoll privati — li jipprovdu servizzi u appoġġ lit-tfal b'diżabilità. Dan il-punt fokali għandu jikkoopera u jikkoordina mill-qrib mal-mekkaniżmi nazzjonali fis-seħħ għall-implimentazzjoni tas-CRPD, li huma definiti fl-Artikolu 33 tagħha.*

*Sabiex jiffaċilitaw il-ħidma ta' dawn il-punti fokali nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu joħolqu, fil-livell lokali, netwerk ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri nazzjonali, għat-titjib tar-reazzjonijiet kollaborattivi u integrati f'każijiet ta' vjolenza u għall-iżgurar ta' kapaċitajiet professjonali trasversali adegwati fil-valutazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' riskju. Tali mekkaniżmi ta' koordinazzjoni jistgħu jlaqqa' flimkien professjonisti mis-setturi tas-saħħa, soċjali u tal-edukazzjoni; awtoritajiet ġudizzjarji; ħaddiema soċjali; prattikanti li jaħdmu f'organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-vittmi;*

*kif ukoll rappreżentanti ta' DPOs u organizzazzjonijiet tat-tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan jgħin sabiex tiġi evitata l-kompartimentalizzazzjoni tar-reazzjonijiet u tittejjeb il-koordinazzjoni tas-servizzi għat-tfal b'diżabilità.*

*L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistandardizzaw il-proċeduri operattivi fost l-awtoritajiet differenti responsabbli biex jipprevjenu u jirrispondu għall-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, pereżempju, permezz ta' memoranda ta' qbil immirati li jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet, il-proċeduri u l-mekkaniżmi ta' riferiment. Mod effettiv ieħor kif tiġi promossa l-kooperazzjoni jkun li jiġu pprovduti korsijiet ta' taħriġ obbligatorji li jlaqqgħu flimkien professjonisti li jaħdmu f'oqsma varji.*

#### Opinjonijiet tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE u l-UE nnifisha għandhom jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni aċċessibbli sabiex iqajmu kuxjenza dwar is-CRPD, jippromwovu d-diversità, jiġġieldu l-preġudizzju u jindirizzaw l-istigma soċjali u l-iżolament tat-tfal b'diżabilità. Kampanji bħal dawn għandhom ikunu mmirati għall-pubbliku ġenerali, għat-tfal, kif ukoll għall-uffiċjali pubbliċi u għall-professionisti li jaħdmu ma' dawn it-tfal. Huma diversi l-istituzzjonijiet fil-livell nazzjonali, bħal ministeri rilevanti, korpi nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, NGOs u DPOs, li jistgħu jorganizzaw dawn il-kampanji.*

## L-indirizzar tal-attitudnijiet tas-soċjetà, il-promozzjoni tad-diversità u l-għieda kontra l-iżolament

Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità tiegħu ħafna forum u sseħħ f'ambjenti varji. Dawk li wiegħbu identifikaw diversi kawżi ta' vjolenza, li jvarjaw minn attitudnijiet negattivi tas-soċjetà bbażati fuq il-preġudizzju u nuqqas ta' għarfien jew fehim dwar id-diżabilità sa attitudnijiet individwali jew professjonali msejsa fuq l-intolleranza lejn l-oħrajn'.

Skont dawk li wiegħbu, l-esklużjoni soċjali u l-iżolament iżidu r-riskju ta' vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità f'diversi ambjenti. Huma nnotaw li l-iżolament istituzzjonali tat-tfal b'diżabilità jillimita l-interazzjoni tagħhom mal-popolazzjoni ġenerali, kif ukoll ixekkel is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien wiesgħa dwar id-diżabilitajiet.

Dawk li wiegħbu enfasizzaw ukoll li t-tfal b'diżabilità u li għandhom karatteristiċi vulnerabbli oħrajn — minħabba l-istatus soċjoekonomiku, l-etniċità, l-istatus ta' immigranti jew is-sess tagħhom — jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza (ara t-Taqsima 3.2 u l-Kapitolu 4 tar-rapport sħiħ).

## Il-promozzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni li jiffokaw fuq it-tfal u l-parteċipazzjoni tat-tfal

Ir-riċerka turi li l-Istati Membri tal-UE stabbilixxew għadd ta' miżuri maħsuba biex jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, immirati lejn diversi gruppi, inklużi t-tfal infushom. Madankollu, l-inklużjoni tat-tfal b'diżabilità fl-attivitajiet ewlenin tal-massa mhux dejjem hija garantita. Dawk li wiegħbu nnotaw li, minħabba l-iżolament tagħhom, it-tfal b'diżabilità ta' spiss jiġu esklużi mill-attivitajiet formali u informali li jgħallmu lit-tfal kif jidentifikaw ir-riskji u jirrispondu għall-vjolenza.

Dawk li wiegħbu jagħmlu referenza għan-nuqqas ta' fehim tat-tfal b'diżabilità ta' x'jikkostitwixxi abbuż bħala fattur ta' riskju ewlieni. Ħafna tfal b'diżabilità jistgħu ma jkunux konxji li ċerta mgħiba mhijiex aċċettabbli, partikolarment fil-każ ta' abbuż sesswali.

Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal u tal-persuni b'diżabilità hija wieħed mill-pilastru ewlenin tas-CRC u tas-CRPD. Dawk li wiegħbu jemmnu li, minkejja l-isforzi tad-DPOs, tal-NGOs, tal-NHRBs u ta' atturi oħrajn, it-tfal b'diżabilità għadhom esklużi mill-oppurtunitajiet biex jesprimu l-fehmiet tagħhom. Meta t-tfal b'diżabilità ma jingħataw vuċi, huma jibqgħu inviżibbli fl-ippjanar tal-politika u l-ħtiġijiet tagħhom jibqgħu ma jiġux isodisfati minn servizzi ġenerali mhux aċċessibbli għalihom. Dawk li wiegħbu jenfasizzaw l-importanza tal-inklużjoni tat-tfal b'diżabilità f'attivitajiet li jippromwovu l-parteċipazzjoni ġenerali tagħhom fl-aspetti kollha tal-ħajja u jgħidu li din hija fundamentali għall-prevenzjoni tal-vjolenza u sabiex huma jingħataw l-għodod li permezz tagħhom jidentifikaw

u jirrapportaw inċidenti vjolenti (ara t-Taqsima 2.5 u l-Kapitoli 3 u 4 tar-rapport sħiħ).

### Opinjoniġiet tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu, b'kooperazzjoni mal-atturi tas-soċjetà ċivili, programmi edukattivi xierqa li jsaħħu l-istima personali u l-assertività tat-tfal b'diżabilità bil-għan li jgħinuhom jidentifikaw sitwazzjonijiet riskjużi u mgħiba mhux xierqa, u jiddeterminaw kif u fejn għandhom ifittxu pariri u rimedju. Programmi bħal dawn għandhom jinkludu informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet u s-sesswalità sabiex it-tfal b'diżabilità jkunu jistgħu jiddistingwu bejn imġiba sesswali xierqa u dik li mhijiex xierqa.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi edukattivi dwar il-vjolenza, il-bullying jew il-kwistjonijiet ġenerali li jikkonċernaw id-drittijiet tat-tfal ikunu aċċessibbli kompletament għat-tfal b'diżabilità, irrispettivament minn kwalunkwe indeboliment li jista' jkollhom, u li jkunu sensitivi għall-karatteristiċi relatati mas-sessi u karatteristiċi oħrajn, bħall-isfond etniku u/jew ta' immigranti.*

*B'konformità mal-obbligi tagħhom skont is-CRC u s-CRPD, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vuċi tat-tfal b'diżabilità tkun irrappreżentata, direttament u permezz ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi u tal-familja, fid-disinn, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-liġijiet, tal-politiki, tas-servizzi u tal-miżuri li jindirizzaw il-vjolenza kontrihom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jsaħħu l-mekkaniżmi konsultattivi eżistenti, pereżempju, billi jwaqqfu korpi konsultattivi li jinkludu lit-tfal b'diżabilità u lir-rappreżentanti tagħhom.*

## Il-provvista ta' servizzi li jiffokaw fuq il-familja

Il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità sseħħ ukoll f'ambjenti domestiċi. Dawk li wiegħbu identifikaw l-eżawriment, il-kollass mentali u fiżiku, it-taqlib ekonomiku u sensazzjoni ta' li wieħed iħossu "li tħalla waħdu", fost il-familji ta' tfal b'diżabilità u dawk li jieħdu ħsiebhom, bħala l-fatturi skataturi ewlenin. Dawk li wiegħbu għamlu enfasi fuq l-appoġġ insuffiċjenti sabiex jitħaffef il-piż finanzjarju, fiżiku u emozzjonali li għandhom il-familji ta' tfal b'diżabilità u dawk li jieħdu ħsiebhom, u enfazzjaw l-importanza li jiġu pprovduti programmi — bħal programmi ta' mistrieħ — bil-għan li jitnaqqas l-istress. Ħafna rrimarkaw li ż-żoni rurali huma

partikolarment neqsin minn servizzi ta' appoġġ għat-tfal b'diżabilità u għall-familji tagħhom.

Dawk li wiegħbu jemmnu li l-esponiment u r-rispons għall-vjolenza jistgħu jkunu marbuta mas-sitwazzjoni personali jew familjari tat-tfal, bħal li jkunu f'riskju ta' faqar, ikollhom sfond ta' immigranti jew ta' minoranza etnika jew ikunu trabbew f'familja b'ġenitur wieħed. Dawk li wiegħbu ta' spiss isemmu l-piż finanzjarju fuq il-familji bħala kawża possibbli ta' negliġenza u qasam ewlieni fejn huwa meħtieġ appoġġ soċjali. Dawk li wiegħbu sabu li l-familji li jgħixu taħt il-linja tal-faqar għandhom inqas għarfien dwar is-servizzi disponibbli u aċċess għalihom u, b'hekk, inqas opportunitajiet sabiex jiksbu l-appoġġ li jeħtieġu.

Dawk li wiegħbu nnotaw ukoll li sentimenti ta' mistħija u diżappunt xi drabi jkunu marbuta mad-diżabilità ta' membru tal-familja, speċjalment ta' tifel jew tifla, u dik id-diżabilità tista' titqies bħala tabù. Dan iwassal biex il-membri tal-familja joqogħdu lura milli jiksbu aċċess għas-servizzi ta' appoġġ sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-eżawriment jew il-kollass mentali u fiżiku (ara t-Taqsimiet 3.2, 3.3, 4.3 u 4.6 tar-rapport sħiħ).

### Opinjoniġiet tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jipprovdu servizzi ta' ħarsien tat-tfal bit-taħriġ u r-riżorsi meħtieġa sabiex jipprevjenu l-abbandon, kif ukoll jgħinu lill-familji sabiex jiżguraw li t-tfal b'diżabilità jibqgħu mal-familja tagħhom, filwaqt li jissalvagwardjaw l-aħjar interessi tat-tfal. Għal dan il-għan, is-servizzi għall-ħarsien tat-tfal għandhom jipprovdu informazzjoni mmirata, orjentazzjoni, konsulenza, appoġġ bejn il-pari u taħriġ lill-familji, kif ukoll appoġġ finanzjarju dirett u indirett li jkun jirrifletti l-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità u tal-familji tagħhom. Għandhom jiġu offruti programmi ta' kura ta' mistrieħ bi spiża affordabbli lill-ġenituri jew lil persuni oħrajn li jieħdu ħsieb lit-tfal, bil-għan li jkunu evitati kollass mentali jew fiżiku jew inkella negliġenza minħabba eżawriment.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bosta li-velli ta' riskju ffaċċjati mit-tfal b'diżabilità jiġu rikonoxxuti u indirizzati mis-servizzi għall-ħarsien tat-tfal, bħal permezz tal-identifikazzjoni bikrija tar-riskju u servizzi ta' appoġġ komprensivi li jiffokaw fuq il-familja. Għandha tingħata attenzjoni speċjali — inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lit-tfal u lit-tfal u l-adulti b'diżabilità — lill-familji immigranti u dawk b'ġenitur wieħed, lill-familji f'riskju ta' faqar jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli oħrajn u lill-familji li jgħixu f'żoni rurali, minħabba li dawn jistgħu ma jkunux konxji tal-appoġġ disponibbli.*

## L-iżgurar ta' edukazzjoni inklużiva u parteċipazzjoni fl-aspetti kollha tal-ħajja fuq bażi ugwali mal-oħrajn

Dawk li wiegħbu jindikaw li t-tfal b'diżabilità huma aktar vulnerabbli għal abbuż fl-iskola, kemm minn sħabhom l-istudenti kif ukoll mill-għalliema. Dan jirrifletti nuqqas ta' mekkaniżmi xierqa li jiżguraw l-inklużjoni fl-iskejjel mainstream, taħriġ inadegwat tal-għalliema u n-nuqqas ta' mekkaniżmi robusti ta' prevenzjoni. Dawk li wiegħbu tkellmu dwar il-problema mifruxa tal-bullying tat-tfal b'diżabilità, kif ukoll forum aktar sottili oħrajn ta' vjolenza, bħall-esklużjoni u l-iżolament. Ir-riċerka turi li l-Istati Membri jimplimentaw diversi strumenti biex jindirizzaw il-bullying fl-iskejjel u li dawn jistgħu jikkunsidraw aktar bis-sħiħ lit-tfal b'diżabilità.

L-Artikolu 24 tas-CRPD jirrifletti impenn ċar mill-Istati Partijiet li jggarantixxu sistema edukattiva inklużiva għat-tfal b'diżabilità u jobbliga lill-Istati sabiex jipprovdu l-appoġġ meħtieġ bil-għan li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ugwali u sħiħa tagħhom fl-edukazzjoni. Madankollu, ħafna minn dawk li wiegħbu nnotaw diffikultajiet sabiex titwettaq edukazzjoni inklużiva u sostnew li l-iżgurar ta' ambjent sikur għat-tfal kollha, inklużi t-tfal b'diżabilità, fl-iskejjel mainstream jeħtieġ appoġġ xieraq sabiex tabilħaqq ikun hemm parteċipazzjoni ġenwina, u mhux biss integrazzjoni (ara t-Taqsimiet 3.3, 4.2 u 4.4 tar-rapport sħiħ).

### Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-iskejjel jipprovdu ambjent sikur u ta' appoġġ b'"toleranza żero" għal kwalunkwe forma ta' vjolenza, u li huma jkollhom mekkaniżmi effettivi fis-seħħ sabiex ikunu jistgħu jirrispondu mal-ewwel sinjal ta' ostilità. Il-politiki u l-proċeduri kontra l-bullying għandhom jinkludu speċifika-ment lit-tfal b'diżabilità.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għalliema kollha, il-membri tal-persunal li jipprovdu appoġġ u professjonisti oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni jkollhom il-ħiliet u l-għodod meħtieġa sabiex jidentifikaw u jirreaġixxu għal każijiet ta' vjolenza kontra tfal b'diżabilità fl-iskejjel. L-awtoritajiet tal-edukazzjoni jistgħu jikkunsidraw li jinkorporaw id-drittijiet tat-tfal, b'enfasi partikolari fuq it-tfal b'diżabilità, fil-kurrikuli tat-taħriġ tal-għalliema. Huma għandhom jindirizzaw ukoll in-nuqqas ta' taħriġ xieraq jew l-iskarsezza tiegħu, dwar ir-riko-noxximent tal-vjolenza u dwar intervent bikri.*

*Il-mekkaniżmi nazzjonali li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-korpi tal-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u l-ombudsmen tat-tfal, għandhom jingħataw mandat, riżorsi u jiġu mħeġġa sabiex jimmonitorjaw u joħolqu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità fl-edukazzjoni u sabiex jinvestigaw u jsegwu l-każijiet ta' vjolenza, iċ-ċaħdiet ta' aċċess għall-iskejjel mainstream u l-bullying tat-tfal b'diżabilità.*

*L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lit-tfal u lit-tfal u l-adulti b'diżabilità għandhom jiġu mħeġġa sabiex jappoġġjaw lit-tfal b'diżabilità u lill-familji tagħhom bil-għan li jggarantixxu l-inklużjoni tagħhom fl-edukazzjoni, kif ukoll għandhom jiżviluppaw u jmexxu kampanji edukattivi li jridu jitwettqu mill-persuni affettwati li jiddefendu l-kawża tagħhom stess u minn persuni li jservu bħala eżempju għal ħaddieħor fl-iskejjel. Il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet tal-iskejjel sabiex jipprovdu informazzjoni u għarfien dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ għat-tfal b'forum u firxiet differenti ta' indeboliment ssaħħaħ l-effettività ta' dawn l-azzjonijiet.*

## L-avvanzar tal-isforzi ta' deistituzzjonalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-istituzzjonijiet

Ma teżisti ebda dejta affidabbli dwar in-numru eżatt ta' tfal li jgħixu f'ambjenti istituzzjonali differenti, iżda estimi jissuġġerixxu li hemm madwar 150,000 tifel u tifla li qegħdin jgħixu f'ambjenti residenzjali madwar l-UE. Fis-snin riċenti, l-Istati Membri għamlu progress fit-tranżizzjoni b'mod gradwali mis-sistemi ta' kura bbażata fl-istituzzjonijiet għall-kura bbażata fil-familja. Madankollu, l-istituzzjonalizzazzjoni tat-tfal b'diżabilità għadha kwistjoni ta' tħassib, kif kien enfasizzat ripetutament mill-kumitati tas-CRC u tas-CRPD. L-istituzzjonalizzazzjoni żżid il-probabbiltà li t-tfal isiru vittmi ta' negliġenza u vjolenza mentali, fiżika jew sesswali; uħud minn dawk li wiegħbu jqisu l-istituzzjonalizzazzjoni nnifisha bħala forma ta' vjolenza. Barra minn hekk, l-iskrutinju tal-impjegati fil-qasam tal-kura residenzjali fl-Istati Membri mhux dejjem ikopri l-gruppi kollha ta' professjonisti, filwaqt li l-frekwenza tiegħu ma tiġix iddeterminata mil-liġi. Dawk li wiegħbu ħassew li l-vjolenza u n-negliġenza jistgħu faċilment jinżammu mistura fl-istituzzjonijiet. Huma kkritikaw il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għan-nuqqas ta' rigorożità, billi nnotaw li l-ispezzjonijiet tal-istituzzjonijiet sikwit ma jkunux sistematiċi u huma reattivi aktar milli preventivi — pereżempju,



isiru biss wara rapporti li jidhru fuq il-mezzi tax-xandir dwar abbużi jew imwiet fl-istituzzjonijiet. Uħud minn dawn li wiegħbu sostnew ukoll li ċerti korpi ta' monitoraġġ għandhom nuqqas ta' kompetenza jew indipendenza.

Sfidi oħrajn enfasizzati minn dawk li wiegħbu jinkludu l-kundizzjonijiet tax-xogħol problematiċi għall-ħaddiema, li jirriżultaw f'kollass mentali u fiżiku, kif ukoll taħriġ li huwa inadegwat, sporadiku u sikwit mhux obbligatorju.

Il-pakkett leġiżlattiv għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għall-perjodu 2014–2020 ġab miegħu bidliet importanti li jiprijoritizzaw id-destituzzjonalizzazzjoni u l-konformità mas-CRPD. Il-kriterji marbuta mal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u mal-ġlieda kontra l-faqar u d-diskriminazzjoni — l-hekk imsejħa “kundizzjonalitajiet ex ante” li għandhom jissodisfaw l-Istati Membri sabiex jibbenifikaw mill-fondi SIE — huma partikolarment importanti u jinkludu “miżuri għat-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fil-komunità” (ara t-Taqsimiet 3.2 u 3.3 tar-rapport sħiħ).

#### Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jipprojbixxu t-tqegħid tat-tfal — speċjalment dawk ta' taħt l-età ta' tliet snin — f'istituzzjonijiet, irrispettivament mit-tip jew mis-severità tal-indeboliment tagħhom, kif approvat fil-Linja Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kura Alternattiva tat-Tfal. L-Istati Membri għandhom jallokaw riżorsi għad-destituzzjonalizzazzjoni fil-pront tat-tfal b'diżabilità u għall-inklużjoni sħiħa tagħhom fil-komunità. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE sabiex jappoġġjaw kemm lit-tfal b'diżabilità kif ukoll lill-familji tagħhom fit-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fil-familja.*

*L-Istati Membri għandhom isaħħu l-monitoraġġ u l-ispezzjonijiet tal-istituzzjonijiet u ta' ambjenti residenzjali magħluqa oħrajn sabiex jindirizzaw in-negliġenza, it-trattament ħażin u forom oħrajn ta' vjolenza. Dan huwa partikolarment importanti bid-destituzzjonalizzazzjoni li għaddeja bħalissa (parzjalment iffinanzjata permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE). Il-monitoraġġ għandu jkun indipendenti, ikollu riżorsi tajbin u jkun jinvolvi spezzjonijiet regolari u għall-għarrieda.*

## L-iżvilupp ta' għodod immirati, l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati u t-titjib tal-kapaċità tar-riżorsi umani

Ir-riċerka tissuġġerixxi li l-oqfsa ta' politika u legali nazzjonali eżistenti jistgħu jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità biss jekk jiġu pprovduti riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tagħhom. Dawk li wiegħbu jidentifikaw il-ħaddiema mgħobbja żżejjed bix-xogħol u dawk mingħajr taħriġ, il-kollass mentali u fiżiku tal-persunal, nuqqas ta' riżorsi u kundizzjonijiet tax-xogħol problematiċi bħala wħud mill-ostakoli għall-indirizzar b'mod effettiv tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità.

Dawk li wiegħbu jissuġġerixxu li, minbarra l-professjonisti “speċjalizzati” f'kuntatt ta' kuljum mat-tfal b'diżabilità, il-professjonisti li jipprovdu servizzi ġenerali — bħal tobba, infermiera u għalliema — għandhom jitħarrġu fuq id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, il-metodi ta' komunikazzjoni aċċessibbli, kif ukoll il-mezzi u l-proċessi għall-identifikazzjoni, għar-rispons u għar-rapportar tal-vjolenza fil-konfront tagħhom.

Dawk li wiegħbu jqisu n-nuqqas ta' gwida u għodod prattiċi bħala sfida ewlenija fl-implimentazzjoni tal-lijijiet u tal-politiki. Dawn għandhom ikunu mmirati għal professjonisti differenti u jispjegaw b'mod ċar kif tista' tiġi evitata l-vjolenza u kif jingħata r-rispons għaliha.

L-UE waqqfet skemi ta' finanzjament tal-UE — bħall-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza 2014–2020, li ħa post Daphne fl-2013 — sabiex jappoġġjaw l-attivitajiet relatati mar-riċerka, mat-taħriġ, mal-iżvilupp ta' gwida u mal-iskambji ta' prassi tajba, inkluż fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal. Dawk li wiegħbu jirrikonoxxu l-impatt pożittiv li jista' jkollhom dawn l-iskemi ta' finanzjament fil-livell nazzjonali (ara t-Taqsimiet 2.3, 4.4 u 4.6 tar-rapport sħiħ).

### Opinjoni tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet u l-politiki eżistenti dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità billi jiżviluppaw linji gwida, protokollu u taħriġ prattiċi sabiex jagħtu ċ-ċans lill-professjonisti jirrikonoxxu l-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, jappoġġjaw b'mod adegwat lill-vittmi u lill-familji tagħhom u jiżguraw li l-awturi tar-reati jiffaċċjaw il-ġustizzja. Tali għodod għandhom jiġu żviluppatti b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet li jirprezentaw lit-tfal u lill-adulti b'diżabilità u lill-familji tagħhom, u għandhom ikunu appoġġjati mir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jirvedu l-kwalifiki meħtieġa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti li jaħdmu mat-tfal b'diżabilità bil-għan li jiżguraw li dawn il-professjonisti jkollhom iż-żmien u l-ħiliet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jipprevjenu u jirrispondu għall-vjolenza kontra t-tfal.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ obbligatorju għall-professjonisti li potenzjalment jistgħu jaħdmu mat-tfal b'diżabilità. Dan it-taħriġ għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-ħtiġijiet u għandu jkopri l-qafas legali u ta' politika, l-immaniġġjar tal-istress u r-rikonoxximent u r-rapportar tal-vjolenza. It-taħriġ għandu jkopri wkoll kif għandha ssir komunikazzjoni b'mod aċċessibbli mat-tfal, inklużi dawk b'diżabilitajiet ta' smiġh, konjittivi, tad-diskors, intellettuali jew psikosoċjali. Għandhom jiġu mmirati professjonisti differenti, inklużi: għalliema u professjonisti oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni; tobba, infermiera u professjonisti oħrajn fil-qasam tas-saħħa; u fornituri ta' servizzi ġenerali u speċjalizzati għat-tfal u għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura.

Għandhom jiġu żviluppatti linji gwida u settijiet ta' għodod għall-prattikanti li jaħdmu mat-tfal b'diżabilità, kif ukoll għall-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi ġenerali — bħall-professjonisti fl-oqsma tas-saħħa u tal-edukazzjoni — sabiex jipprovdu gwida ċara dwar ir-responsabbiltajiet, il-prevenzjoni, ir-riferimenti u l-passi li jridu jieħdu meta jissuspettaw li hemm xi vjolenza.

Sabiex jiksbu riżultati tanġibbli u sostenibbli fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-finanzjament tal-UE disponibbli — bħal permezz tal-FSIE u l-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza — bil-għan li jiżviluppaw servizzi bbażati fil-komunità għat-tfal u għall-familji tagħhom u jżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat CRPD tan-NU rigward l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiġu implimentati. Dawn jirakkomandaw li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-użu tal-fondi SIE bil-għan li tiżgura li dawn jintużaw strettament għall-iżvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-persuni b'diżabilità fil-komunitajiet lokali u mhux għall-iżvilupp mill-ġdid jew għall-espansjoni tal-istituzzjonijiet; kif ukoll li l-Unjoni Ewropea tissospendi, tirtira u tirkupra l-ħlasijiet jekk jinkiser l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

## Il-ġbir tad-data

Il-riċerka turi li hemm għarfien akbar dwar il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità u l-obbligi legali stabili fis-CRC u fis-CRPD, iżda xorta għad hemm nuqqas ta' dejta affidabbli rigward is-sitwazzjoni fl-UE. Dawk li wiegħbu jemmnu li n-nuqqas ta' tagħrif dwar l-iskala, il-forom u l-karatteristiċi tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità jinbixxi l-iżvilupp tal-politiki u l-programmi fil-mira. Mingħajr dejta xierqa, il-fornituri tas-servizzi ma jkunux konxji tal-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità, li tpoġġihom f'riskju li jispiċċaw jiġu injorati minn servizzi mhux aċċessibbli u bla rispons.

Il-riċerka turi wkoll li xi pajjiżi jiġbru dejta dwar il-vjolenza kontra l-persuni b'diżabilità, iżda ma jiffiltrawx id-dejta abbażi tal-età, filwaqt li oħrajn jiġbru dejta dwar il-vjolenza kontra t-tfal b'mod ġenerali, iżda ma jiġbrux tagħrif dwar l-istatus tad-diżabilità tat-tfal. Dan huwa minnu kemm għas-sorsi governattivi uffiċjali kif ukoll għat-tagħrif miġbur mis-soċjetà ċivili.

Dawk li wiegħbu enfasizzaw li, meta jkunu disponibbli dejta u riċerka dwar is-sitwazzjoni tat-tfal b'diżabilità, għandhom isiru sforzi sabiex ir-riżultati jinxterdu b'mod wiesa' fost l-atturi kollha kkonċernati bil-għan li jingħata bidu għal riformi bbażati fuq l-evidenza u miżuri mmirati (ara t-Taqsimiet 2.4 u 4.2 tar-rapport sħiħ).

## Opinjoniġiet tal-FRA

*B'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiġbru dejta ta' riċerka u statistika diżaggregata sabiex ikunu jistgħu jifformulaw u jimplimentaw politiki maħsuba biex jipprevjenu u jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità. L-Istati Membri li diġà jiġbru dejta dwar il-vjolenza kontra t-tfal għandhom jaċċertaw li din id-dejta tiġi diżaggregata kif xieraq u f'formati aċċessibbli. Bħala minimu, id-dejta għandha tinkludi tagħrif dwar il-każijiet irrapportati ta' vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità u dwar l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u s-servizzi ta' protezzjoni pprovduti. Id-dejta għandha tipprovdi tagħrif dwar it-tip ta' vjolenza, inkluż jekk din hijiex diskriminatorja jew immotivata minn preġudizzju; l-awtur tar-reat; it-tip ta' indeboliment, inkluż indebolimenti multipli jew severi; u karatteristiċi oħrajn tal-vittima, bħas-sess, l-istatus ta' immigrant u l-isfond soċjoekonomiku, bil-għan li jiġu skoperti mudelli u tagħrif dwar is-sottogruppi ta' tfal b'diżabilità.*

*L-Istati Membri għandhom ukoll jiġbru u jipubblikaw dejta diżaggregata dwar l-operat tal-hotlines għall-kriżijiet, tal-linji telefoniċi ta' għajjnuna lit-tfal u tas-servizzi ta' appoġġ lill-vittmi.*

*L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu database li telenka l-forom differenti ta' appoġġ disponibbli permezz ta' servizzi pubbliċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-vittmi. Din id-database tista' taġixxi wkoll bħala portal għall-għodod eżistenti, bħal materjal ta' taħriġ jew ta' sensibilizzazzjoni.*

*L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jiżviluppaw, bl-appoġġ tal-FRA, indikaturi tad-drittijiet fundamentali li jistgħu jappoġġjaw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri li jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità.*



It-tfal b' diżabbiltà jiffaċċjaw ostakoli sinifikanti sabiex igawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom. Huma ta' spiss jiġu esklużi mis-soċjetà u xi drabi jispiċċaw jgħixu f'faċilitajiet 'il bogħod mill-familji tagħhom. Huma jiġu mċaħħdin ukoll mill-aċċess għal servizzi bażiċi, bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u jiffaċċjaw stigma u diskriminazzjoni, kif ukoll vjolenza sesswali, fiżika u psikoloġika. Il-liġijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali kollha jirrikonoxxu d-dritt għall-protezzjoni minn kull forma ta' vjolenza. Iżda minkejja d-disponibbiltà tal-miżuri ta' protezzjoni, il-bniet u s-subien b' diżabbiltà huma fi probabbiltà akbar minn sħabhom mingħajr diżabbiltà li jesperjenzaw vjolenza, abbuż sesswali jew bullying fl-iskejjel, fid-dar jew fl-istituzzjonijiet madwar l-Unjoni Ewropea; huma ta' spiss jiffaċċjaw ukoll vjolenza marbuta mad-diżabbiltà tagħhom.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali skrutinizzat il-kwistjoni importanti iżda mhux irrapportata biżżejjed tal-vjolenza kontra t-tfal b' diżabbiltà, billi wettqet riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u mexxiet intervisti ma' partijiet interessati infurmati. Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati ta' dik ir-riċerka. Huwa jiddeskrivi l-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti u janalizza l-leġiżlazzjoni u l-politiki nazzjonali li jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal b' diżabbiltà. Ir-rapport jesplora wkoll il-firxa u l-kawżi, l-ambjenti u l-forom differenti ta' din il-vjolenza u jippreżenta miżuri u inizjattivi għall-prevenzjoni tagħha.

## Aktar informazzjoni:

Għar-rapport shih tal-FRA — *Violence against children with disabilities: legislation, policies and programmes in the EU* (Il-vjolenza kontra t-tfal b' diżabbiltà: il-legiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi fl-UE) — ara <http://fra.europa.eu/en/publication/2015/violence-children-disabilities-eu>

Ara wkoll pubblikazzjonijiet oħrajn tal-FRA f'dan il-qasam:

- FRA (2015), Dokument ta' enfasi, *Equal protection for all victims of hate crime – The case of people with disabilities*, (Protezzjoni ugwali għall-vittmi kollha ta' reat ta' mibegħda — Il-każ tal-persuni b' diżabbiltà) Vjenna, FRA, [http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-2015-focus-03-hate-crime-disability\\_en\\_o.pdf](http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-2015-focus-03-hate-crime-disability_en_o.pdf) (disponibbli bl-Ingliż)
- FRA (2015), *Ġustizzja favur it-tfal – prospettivi u esperjenzi tal-professionisti - Sommarju*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <http://fra.europa.eu/en/publication/2015/child-friendly-justice-perspectives-and-experiences-professionals-childrens> (disponibbli bil-lingwi tal-UE)
- FRA (2015), *Mapping of child protection systems* (online), <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/data-and-maps/comparative-data/child-protection> (bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż)

Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-FRA fuq il-persuni b' diżabbiltà hija disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/theme/people-disabilities>, u dwar l-attivitajiet tal-FRA fuq id-drittijiet tat-tfal hija disponibbli hawnhekk: <http://fra.europa.eu/en/theme/rights-child>



© Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea  
għad-Drittijiet Fundamentali, 2015  
Ritratt: © Shutterstock

## FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Awstrija  
tel +43 158030-0 – fax +43 158030-699  
[fra.europa.eu](http://fra.europa.eu) – [info@fra.europa.eu](mailto:info@fra.europa.eu)  
[facebook.com/fundamentalrights](https://www.facebook.com/fundamentalrights)  
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)  
[twitter.com/EURightsAgency](https://twitter.com/EURightsAgency)



Print: ISBN 978-92-9491-244-2, doi:10.2811/6761  
PDF: ISBN 978-92-9491-237-4, doi:10.2811/78424